Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 5/2018

Il-Pulizija
Spettur PierGuido Saliba

Vs

Rene' Cuschieri

Illum 13 ta' Settembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Rene' Cuschieri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 178346M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fis-17 ta' Settembru 2017 ghall-habta ta' 23:05 hrs fi Triq il-Wilga, San Pawl il-Bahar, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FPY 038:

1. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
3. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
4. U meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament

ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mary Faenza skont kif iccertifika Dr. David Grima M.D. mill-M.D.H.;

5. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru HBO 617 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Josef Borg;

6. U aktar talli waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, naqas li jnaqqas l-ispeed u jieqaf u jaghti d-dritta lil vetturi ohra kif hemm indikat b'sinjal tat-traffiku li jindika 'Give Way'.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet, rigwardanti l-ewwel tliet imputazzjonijiet sabet lil Rene Cuschieri hati ta' sewqan perikoluz u kkundannatu multa ta' elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u multa ta' hames mitt ewro (€500) komplessivament fuq il-kumplament tal-imputazzjonijiet, inoltre ssospendiet il-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' gimgha u skwalifikatu milli jsuq ghall-istess perjodu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rene' Cuschieri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Jannar 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex (i) tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur PierGuido Saliba) vs Rene Cuschieri' tat-8 ta' Jannar 2018 u tipproċedi skont il-liġi billi tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti; (ii) b'mod alternattiv, u biss subordinarjament kemm-il darba din il-Qorti ma taqbilx mal-esponenti u tħoss li l-imsemmija sentenza m'għandhiex tkun annullata, l-appellant qiegħed umilment jitlob lil din il-Qorti tħassar is-sentenza

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura fl-ismijiet u d-data premessi u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, ħtija w piena, u (iii) *in subsidium* fl-eventwalita' li din il-Qorti ma taqbilx mal-esponenti u tħoss li l-imsemmija sentenza m'għandhiex tkun revokata, allura tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet il-ħtija u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellant Rene Cuschieri, u minflok tgħaddi sabiex tinfliġġi piena li hija tax-xorta u kwantita' li trid il-liġi u piena li hi aktar ekwa considerando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Rene' Cuschieri huma s-segwenti u cioe`:-

<u>L-Ewwel Aggravju – Nullita' tas-Sentenza Appellata</u>

1. Illi s-sentenza appellata hija għal kollox monka minn kwalunkwe referenza għall-artikoli tal-liġi li jikkostitwixxu r-reati li l-appellanti nstab ħati tagħhom;

2. Illi l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk: *"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u <u>ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat</u>."*

3. Illi skont ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, in-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata u dan stante illi dan in-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali;

4. Illi referenza ssir għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizja (Spettur Kevin Pulis) vs Robert Farrugia** fid-19 ta' Novembru 2015, fejn il-Qorti saħqet: *"Is-sentenza in dizamina izda hija kolpita b'nullita' primarjament ghaliex l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika dawk l-artikoli tal-ligi li dwarhom sabet htija fl-appellant fejn allura kellha taghmel referenza ghall-artikolu dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba akkuza. Dan hu rikjest fuq piena ta' nullita' mill-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 (ara per ezemplari **Il-Pulizija vs Mario Agius App Krim 3.2.1995**)".*

5. Illi referenza ssir ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Joseph Cutajar** fis-17 ta' Ġunju 2014, fejn b'referenza għall-Artiklu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Onorabbli Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

*"Illi l-artikolu hawn fuq imsemmi jaghmilha cara li l-artikolu tal-ligi ghandu jissemma. Dan mhux kaz ta' 'lapsus calami' izda dan hu kaz ta' nullita' tas-sentenza msemmija. Fil-fatt il-gurisprudenza l-aktar recenti hi ta' dan il-hsieb ukoll. Hawnhekk, qed issir referenza ghal tlett sentenzi moghtija minn din il-Qorti, diversament presejduta:*

***Il-Pulizija v. Graham Agius** deciza fis-26 ta' Lulju, 2010 (per Imhallef david Scicluna);*

***Il-Pulizija v. Angelo Tanti** deciza fit-30 ta' Novembru, 2011 (per Imhallef David Scicluna); u*

***Il-Pulizija v. Benjamino Camilleri** deciza fis-17 ta' Settembru, 2012 (per Imhallef Michael Mallia)."*

6. Illi għaldaqstant l-appellanti qiegħed jitlob li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi annullata stante nuqqas ta' formalitajiet rikjesti mil-liġi *ab nullitatem,* u jitlob li din l-Onorabli Qorti jogħġobha tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex huwa ma jkunx privat mill-benefiċċju tad-doppju eżami (*vide* per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 30 ta' Novembru, 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelo Tanti**).

<u>It-Tieni Aggravju – L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi</u>

1. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-aggravju suespost, l-appellanti umilment jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta, a bażi tal-provi prodotti, sabitu ħati tas-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontrih;
2. Illi ssir referenza għax-xhieda ta' Josef Borg, kif kwotata fis-sentenza in diżamina: *"Huwa qal li kien qed isuq fil-11 ta' filghaxija. Kien gej minn naha ta' Kennedy Grove*

*lejn il-Qawra, huwa naqqas l-ispeed imma peress li l-lights kienu hodor huwa baqa' ghaddej. Huwa qal li l-vettura tieghu sofriet hsara ma' l-genb kollu tan-naha ta' l-passiggier. ... Fuq domanda in kontro ezami, ix-xhud qal li l-imputat waqaf ghal ftit barra mill-istop sign u rega' qala'."*

3. Illi din ix-xhieda, li ġiet ripetuta miż-żewġ passiġġieri li telgħu jixhdu (u cioe Ritianne Cassar Faenza u Mary Faenza) ġiet konsistentament kontradetta mill-appellanti li spjega b'mod ċar kif filfatt seħħ l-inċident: *"Kien Bugibba hiereg minn Triq il-Pijunieri ghal Kennedy Grove fuq xoghol. Kellu l-passiggieri mieghu dak il-hin. Huwa qal li waqaf fuq l-istop sign. Qal ukoll li wara hemm kaxxa safra. Huwa hares lejn iz-zewg nahat, ma ra lil hadd u hareg. F'daqqa wahda giet il-vettura l-ohra. Huwa qal li jikkalkulha li l-vettura l-ohra kienu ha jaqilbulha l-lights imma mill-posizzjoni tieghu l-lights ta' l-vettura l-ohra ma setghax jarahom. Il-vettura l-ohra giet bis-sahha biex thaffef daqs xejn biex tghaddi. Huwa qabel ma' l-isketch a fol. 11 tal-process. Il-karozza l-ohra giet ghalih u haditu bi sbrixx. Huwa kien wieqaf. Il-karozza l-ohra waqfet tul mhux hazin. Huwa qal li kellu stop sign fil-karreggjata tieghu u waqaf lura mill-istop sign."*
4. Illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-verżjoni mogħtija mill-appellanti hija iżjed kredibbli u verosimili, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li fil-mument tal-inċident l-appellanti (li dak il-ħin kien qiegħed fuq xogħol u kien mgħobbi bil-passiġieri) kien qiegħed wara *stop sign* jixref bil-mod 'il quddiem sabiex jara jekk hux ġejjin vetturi, filwaqt li l-karozza HBO617 kienet għaddejja b'veloċita' konsiderevoli, liema veloċita' kienet possibilment b'reazzjoni tat-*traffic lights* li kienet għadha kemm qabżet. B'riżultat ta' dan, l-imsemmija vettura HBO617 baqgħet dieħla fuq il-vann misjuq mill-appellanti, u dan minkejja li t-triq kienet pjuttost wiesa' u għaldaqstant kellha iżjed opportunita' li timmanuvra li kieku kienet ġejja b'inqas veloċita';
5. Illi għaldaqstant ma jistax jingħad li ġie ppruvat, oltre kull dubju dettat mir-raġuni, li l-esponenti huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

6. Illi inoltre, fir-rigward tas-sitt imputazzjoni, l-esponenti jissottometti li ma nġabet assolutament ebda prova li kien hemm xi sinjal tat-traffiku li jindika 'Give Way', u filfatt dan ma rriżultax la mix-xhieda miġjuba u lanqas mill-iskizz, u għaldaqstant ma seta' qatt ikun hemm sejbien ta' ħtija f'dan ir-rigward;
7. Illi ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn ġie spjegat x'jigri meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, fejn intqal li f'każ li l-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, allura l-Qorti għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat;
8. Illi għalhekk jiġi umilment sottomess illi, a bażi tal-provi kollha prodotti, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex tasal għas-sejbien ta' ħtija, iżda kellha tillibera lill-appellanti.

<u>It-Tielet Aggravju – Il-piena inflitta kienet wisq ħarxa u sproporzjonali fiċ-ċirkostanzi</u>

1. Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji suesposti, qiegħed umilment jiġi sottomess li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, u cioe il-multa ta' elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, u multa ta ħames mitt (€500) komplessivament fuq il-kumplament tal-imputazzjonijiet, u dan oltre s-sospenzjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan tal-appellanti għal perjodu ta' gimgħa u l-iskwalifika mis-sewqan għall-istess perijodu, kienet wisq ħarxa fiċ-ċirkostanzi;
2. Illi l-appellanti umilment isostni li l-Ewwel Qorti kellha tagħti piż lix-xhieda tiegħu fejn spjega li kienet il-vettura HBO617 li filfatt kienet ġejja b'veloċita kemxejn qawwija, u mhux il-vann misjuq minnu, li kien qiegħed biss jixref minn fuq l-*istop sign*. Dan l-aġir da parti tas-sewwieq tal-vettura l-oħra kellu ċertament jittieħed in konsiderazzjoni ukoll fir-rigward tal-piena nflitta fuq l-appellanti;

3. Illi *di piu* jrid jiġi rilevat li l-appellanti għandu fedina penali netta, u inoltre jaqla' l-għixien tiegħu bħala *driver.* Għaldaqstant is-sospensjoni u l-iskwalifika sejrin ukoll ittellfuh ġimgħa sħiħa ta' xogħol;

4. Illi għal dawn ir-raġunijiet l-appellanti jsostni li l-piena nflitta hija sproporzjonali, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li hu bl-ebda mod ma kien qiegħed isuq b'veloċita' eċċessiva fil-ħin tal-inċident (anzi kien qiegħed fuq *stop sign*), kif ukoll meta wieħed iżomm f'moħħu li fil-karriera twila tal-appellanti din hija l-ewwel darba li kellu inċident bħal dan, u li hu jaqla' l-ħobża ta' kuljum permezz tal-istess liċenzja tas-sewqan.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita millprosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' Settembru, 2018 u d-difiza tinsisti li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla stante li ma hemmx referenza ghall-artikoli tal-ligi dwar l-akkuzi li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati.

Ikkunsidrat,

Li skond l-**<u>artikolu 382 tal-Kap. 9</u>** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Paul Cachia</u>**[1]" [25.9.2003] ; "**<u>Il- Pulizija</u>**

[1] Deciza fil 25 ta Settembru 2003.

**vs. Joseph Zahra**[2]" [9.9.2002]; "**Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**[3]" [10.7.2002 u 28.6.2002] "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]" [24.4.2002] u ohrajn)

Issa kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza anki meta l-artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, kif jidher li x' aktarx gara f' dan il-kaz, dan il-fatt igib in-nullita' tas-sentenza appellata. (ara. Appell Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[5]" [28.5.1987], "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6]." [19.5.2005] u ohrajn.) Ovvjament l-istess japplika meta jigi citat artikolu inezistenti ghax ikun gie abrogat.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh, fis-sens li l-Qorti ghandha tannulla s-sentenza appellata.

In vista tal-provvediment infraskritt mhux il-kaz li din il- Qorti tinvesti l-aggravji l-ohra tal-appellant f' dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, terga' tirrimetti l-kaz lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi mismugh u deciz skond il-ligi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[2] Deciza fid-9 ta Settembru 2002.
[3] Deciza fl-1o ta Lulju 2002 u fit-28 ta Gunju 2002
[4] Deciza fl-24 ta April 2002.
[5] Deciza fit-28 ta Mejju 1987.
[6] Deciza fid-19 ta Mejju 2005.